MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 1068/2005

**Dingli Co. International Ltd bhala Agent f'Malta, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera *"The Performing Right Society Limited"* ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Multi Comm Ltd u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' Frar, 2006 giet awtorizzata korrezzjoni f'isem tas-socjeta' konvenuta u ghandu jinbidel ghal Media Link Communications Company Limited**

Il-Qorti:

Rat l-att tar-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

L-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citaz Numru 1127/1998 RCP) giet deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Lulju, 2000, u fl-istess kawza.

1. il-Qorti iddikjarat illi s-socjeta' konvenuta ttrasgrediet id-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici billi sa mill-1 ta' Jannar, 1996, u permezz ta' l-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem *"Radio 101"*, liema stazzjon tar-radju jittrasmetti terrestrijalment minn Malta fuq il-frekwenza ta' 101 Mhz FM, xandret jew gieghlet lill-haddiehor ixandar f'Malta, dawk l-istess xogholijiet muzikali – a rigward ta' liema xogholijiet is-socjeta' attrici tgawdi d-dritt esklussiv ghall-kontroll f'Malta tal-att tax-xandir skond il-ligi.

2. Il-Qorti illikwidat d-danni *a tenur* tat-tieni talba attrici fl-ammont ta' Lm8,493.81;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' Lm8,493.81 lis-socjeta' attrici u dan bhala konsegwenza ta' din it-trasgrezzjoni *da parti* tas-socjeta' konvenuta tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta' attrici; u

4. Tinibixxi lis-socjeta' konvenuta milli xxandar jew iggieghel lill-haddiehor ixandar dawk ix-xogholijiet kollha tutelati ossia *"copyright"* u kkontrollati mis-socjeta' attrici u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet il-hrug tal-licenzja relattiva minghand is-socjeta' attrici, u dana *a bazi* u ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-Att. Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kap 196 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana taht il-pieni komminati mill-ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni ta' din l-ordni.

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent jikkonferma illi sal-lum is-socjeta' konvenuta baqghet ghal kollox inadempjenti ghal dak kollu li giet ordnata li taghmel permezz tas-sentenza.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames snin (5) u s-socjeta' esponenti ghad ghandha interess illi

tipprocedi permezz ta' mandati *ai termini* tal-istess sentenza.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghobgha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lis-socjeta' intimata li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u lanqas ma dehret fl-udjenza tal-kawza biex tikkontesta t-talba, u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' intimata tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------